MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1863/2002

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**Vs**

**Crown Holiday Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Awissu, 2002, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' mija u hamsin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm150.87) rappresentanti in kwantu ghal Lm131.19, royalty dovuta bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja numru 9393 (Dokument A anness ma'l-avviz), b'liema licenzja is-socjeta konvenuta giet moghtija d-dritt li ixxandar lil pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "The

White House”, Paceville, San Giljan u Lm19.68 Taxxa fuq il-valur Mizjud ghall-perijodu mis-6 ta’ Jannar 2002 sal-5 ta’ Jannar 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra legali tal-31 ta’ Marzu 2002 u bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kontra s-socjeta konvenuta.

Ra li s-socjeta konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’l-P.L. Josette Attard ghan-nom tas-socjeta attrici nomine, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebiet.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ mija u hamsin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu (Lm150.87), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra legali tal-31 ta’ Marzu 2002, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------